# L-EMIRAT TA' ABU DHABI JLAQQA' Ż-ŻEWĠ ĊIPPI WARA FIRDA TA' 241 SENA

**Stqarrija | 2 ta' Ġunju 2023**

Iż-żewġ Ċippi famużi skoperti f'Malta sekli ilu, li kienu sfaw mifrudin meta wieħed minnhom intbagħat Franza mill-Gran Mastru de Rohan, ingħaqdu mill-ġdid – għalkemm temporanjament – wara 241 sena, permezz ta' wirja fil-mużew Louvre Abu Dhabi.

Iċ-Ċippi jmorru lura sat-tieni seklu qabel Kristu. Minbarra l-valur kbir tagħhom mil-lat estetiku u storiku, huma simbolu tad-deċiframent tal-lingwi u tar-relazzjonijiet diplomatiċi.

Fin-naħa t'isfel taċ-Ċippi hemm l-istess iskrizzjonijiet. L-ewwel iskrizzjoni, miktuba bil-Feniċju, hija dwar żewġ aħwa rġiel li jagħmlu offerta lill-alla Feniċju Melqart. Taħt din l-iskrizzjoni hemm il-verżjoni tagħha b'ittri Griegi.

Mhux magħruf b'ċertezza meta ċ-Ċippi ġew skoperti, iżda ssemmew għall-ewwel darba fl-1694 bħala parti mill-kollezzjoni ta' Ġan Franġisk Abela. Dak iż-żmien, il-lingwa Feniċja kienet għadha ma ġietx deċifrata għalkollox. Kopji tal-iskrizzjonijiet intbagħtu barra minn Malta u minn fost il-bosta studjużi li ħadmu fuqhom, l-Abbati Jean-Jacques Barthélemy mill-Académie des Inscriptions et Belle-Lettres ta' Pariġi rnexxielu jikxef il-kodiċi tal-lingwa Feniċja fl-1758.

Il-par Ċippi b'hekk saru magħrufa mad-dinja kollha u, b'turija ta' rikonoxximent, il-Gran Mastru de Rohan bagħat Ċippus minnhom lill-Académie fl-1782. Dan ittieħed fil-Louvre ta' Pariġi fl-1864. Iċ-Ċippus l-ieħor jinżamm fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija fil-Belt Valletta.

Iż-żewġ mużewijiet silfu ċ-Ċippus rispettiv tagħhom biex ikun esebit f'wirja temporanja li qed issir fil-mużew Louvre Abu Dhabi. Din il-wirja qed tittella' fuq l-inizjattiva tal-Ambaxxata ta' Malta fl-Emirati Għarab Magħquda, biex tfakkar il-50 anniversarju mill-bidu tar-relazzjonijiet diplomatiċi bejn Malta u l-Emirati.

Se jsiru diversi attivitajiet kulturali u edukattivi b'rabta mal-wirja. Barra minn hekk, il-Louvre Abu Dhabi, bil-kollaborazzjoni tal-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija ta' Malta u l-Louvre ta' Pariġi, organizza taħdita kuratorjali bl-isem *A Story of the Cippi of Malta: Decipherment and Reunification* fil-31 ta' Mejju. Fit-taħdita ngħata tagħrif dwar iż-żewġ kolonni ornamentali, l-importanza storika u arkeoloġika tagħhom, kif ukoll it-tifsira tat-tlaqqigħ tagħhom mill-ġdid wara firda ta' aktar minn żewġ sekli. Sharon Sultana, Senior Manager ta' Heritage Malta għall-Arkeoloġija u l-Istorja Naturali, kienet waħda mill-kelliema fit-taħdita.

F'diskors fl-inawgurazzjoni tal-wirja, Maria Camilleri Calleja, l-Ambaxxatriċi ta' Malta għall-Emirati Għarab Magħquda, qalet li l-għaqda taċ-Ċippi mill-ġdid tfakkarna li nkunu fejn inkunu fid-dinja, bi sforz u bi djalogu dejjem nistgħu nsibu mezz kif nersqu lejn xulxin u nsibu lil xulxin. Il-fatt li l-wirja qed isseħħ fl-2023 – is-sena li fiha Malta u l-Emirati Għarab Magħquda qed jiċċelebraw 50 sena ta' relazzjonijiet diplomatiċi – huwa xieraq u jawgura tajjeb għall-quddiem.

Joyce Dimech, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, qalet li din hija inizjattiva oħra li permezz tagħha l-isfera kulturali testendi lil hinn mix-xtut Maltin. Bil-promozzjoni ta' koperazzjoni kostruttiva permezz ta' skambji kulturali bħal dawn u bit-tisħiħ tar-rabtiet bejn iż-żewġ pajjiżi, l-Emirati Għarab Magħquda u Malta jistgħu joħolqu pedament sod għat-tkabbir u l-iżvilupp reċiproku. Il-pass li jmiss hu li jkun hemm inizjattivi simili mill-Emirati f'Malta, b'risq aktar koperazzjoni f'oqsma bħal programmi ta' skambji kulturali, kollaborazzjoni fl-edukazzjoni u r-riċerka, il-patrimonju intanġibbli, l-arti kreattiva, u d-diplomazija kulturali.

Noel Zammit, il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, tkellem dwar ir-rabtiet sodi bejn Malta u l-Emirati Għarab Magħquda tul l-aħħar 50 sena u qal li ż-żewġ pajjiżi qed jikkollaboraw b'ħeġġa biex ikomplu jsaħħu din ir-relazzjoni permezz tad-diplomazija kulturali. Din il-wirja tirrappreżenta qabża kbira f'din id-direzzjoni. Mhux biss, iżda din hija l-ewwel darba li Heritage Malta qed taħdem mill-qrib mal-Abu Dhabi Louvre u hu ttamat li din il-kollaborazzjoni tkun il-bidu ta' relazzjoni twila u produttiva bejn iż-żewġ entitajiet. Permezz ta' kollaborazzjonijiet bħal dawn u wirjiet barra minn Malta, l-aġenzija qed ittejjeb il-profil internazzjonali tagħha. Dan iwassal għat-tkattir tal-għarfien dwar l-istorja ta' Malta u għal aktar turisti li jżuru pajjiżna għall-kultura tiegħu.

Manuel Rabaté, Direttur tal-Louvre Abu Dhabi, qal li s-self taċ-Ċippi jixhed ir-rabtiet storiċi u kulturali bejn Malta u l-Emirati Għarab Magħquda, filwaqt li jenfasizza l-missjoni tal-Louvre Abu Dhabi li jirrakkonta stejjer ta' rabtiet kulturali permezz tat-tlaqqigħ ta' arefatti minn perjodi, ġeografiji u ċiviltajiet differenti. Il-wirja toffri opportunità rari biex wieħed jara dawn l-artefatti mill-qrib u tagħmel l-esperjenza tal-viżitatur aktar affaxxinanti u kompluta.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta